**KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ**

**AĠENDA NUMRU 60– 11 ta' Marzu 2019**

***Minuti tat-60 laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar fl-11 ta' Marzu, 2019 fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tiegħu fi Triq Frans Sammut fis-6:00pm ta' filgħaxija sabiex issir Agenda Numru 60. Il-laqgha bdiet fil-6:10pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Alfred Grixti** | Vici-Sindku |
| | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **Vernalise Scicluna** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apologija:** | **Philip Said** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works' Co-ordinator |
| | **Anthony Borg** | Resident |
| **Uffiċċjal prezenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Ezekuttiv |

60.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti li l-Kunsillier Philip Said ma setax jattendi ghal din il-laghqa minhabba ragunijiet ta' sahha.

Is-Sindku Sarah Agius nfurmat lill-Kunsill li kemm il-Kunsillier Clive Azzopardi kien imsiefer filwaqt li l-Vici-Sindku Alfred Grixti kien ser jasal tard ghal-laqgha.

60.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Is-Sindku Sarah Agius prezentat il-minuti tal-laqgha ta' Frar sabiex jigu approvati. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Vernalise Scicluna. Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsilliera.

60.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nfumat lill-Kunsill li x-xoghol fuq il-*Heritage Trail* ghaddej gmielu u issa dalwaqt jintbaghat ghall-printing.

60.4 Talba ghall-Extended Footpath u DYL fi Triq Paris

Il-Kunsill qabel unanimament mal-parir li nghata minn Transport Malta dwar extended footpath fi Triq Paris fejn hemm dahla li fiha diversi garaxxijiet. It-talba saret minhabba li vann li jigi pparkjat f'wiehed mill-garaxxijiet ma jkunx jista johrog minhabba li vetturi xorta jkunu pparkjati fuq id-DYL u dan il-vann ma jkunx jista jdur.

60.5 Bankina fi Triq Paris

Il-Kunsill qabel unanimament li jinghata permess lis-sid ta' dar fi Triq Paris sabiex jaghmel bankina dejqa sabiex jigi evitat periklu bla bzonn. L-istess bankina ghandu jkollha katusa zghira sabiex jghaddi l-ilma tax-xita minnha.

60.6 Zvilupp Toyota – PA1821/19

Wara diskussjoni il-Kunsill qabel unanimament li joggezzjona ghal din l-applikazzjoni, pero gie mfakkar li s-sahha tal-Kunsill hija limitata ghar-raguni li dan l-izvilupp huwa go 'Mixed Use Area'. Ghandha ssir oggezzjoni ghal dawn ir-ragunijiet; zieda fil-kongestjoni tat-traffiku, nuqqas ta parkegg minhabba li jkun hemm karozzi li ma juzawx il-parkegg privat, l-effett fuq l-iskyline minhabba li l-bini tal-madwar huwa kollu baxx aktar, il-fatt li Bieb de Rohan ser ikun jidher vera qasir fejn dan it-torri. Il-Kunsillier Bongailas qal li ghandu jintalab *traffic impact assessment* sabiex naraw kif progett bhal dan ser jaffetwa t-traffiku li diga huwa ta problema kbira fiz-zona.

60.7 Impjegat Philip Gatt

Wara diskussjoni, gie deciz li jigi mitlub parir legali mill-Ufficju tal-Avukat Generali dwar dan il-kaz.

60.8 Bozoz Triq Hal Sajd

Gie spjegat li garaxxijiet/dar li ser taqa fl-istess triq u li ghandha zewg lampi mwehhlin maghha, twehhlu zewg arbli faccata tal-istess binja mill-Enemalta sabiex jitpoggew dawn il-lampi maghhom. Fl-istess hin l-Enemalta qatghet id-dawl minn mal-bozoz li kien hemm originarjament. Il-Kunsill qabel li la dawn il-bozoz gew skonnetjati mill-Enemalta, ghandha

tkun l-Enemalta stess li terga tqabbadhom mad-dawl. Kien hemm qbil unanimu dwar dan kollu.

60.9 Proposti FKNK

Is-Sindku Sarah Agius qrat proposti li gew ipprezentati mill-FKNK dwar il-guva li hemm fi Gnien it-Tfulija u possibilment dwar ohra li ssir fi Gnien l-Indipendenza. Dawn il-proposti kienu jinkludu li jkun hemm live streaming iffinanzjat mill-Kunsill, cameras tas-sigurta fuq il-guva mhallsa mill-Kunsill, ghalf u trattament tal-pesticida iffinanzjat mill-Kunsill. L-FKNK pproponew ukoll li jissuplixxu l-ghasafar kif ukoll sigar indigeni ghall-istess gnien. Il-Kunsill qabel unanimament li ssir laqgha ohra fejn jigi spjegat li l-Kunsill ghalkemm jaqbel fil-principju, m'ghandux jidhol fi spejjez bla bzonn ghal din il-guva.

60.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

Wara li saret diskussjoni s-Sindku resqet l-iskeda tal-pagamenti ghall-approvazzjoni. Hija giet sekondata mill-Vici-Sindku Alfred Grixti. Is-Sindku Sarah Agius astjeniet mid-decizjoni ghall-pagament lil Do it All, filwaqt li l-kunsillier Chris Bongailas astjena mill-pagament lil Mario Cachia. Kien qbil unanimu ghall-kumplament tal-pagamenti.

60.10 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mill-Kunsilliera prezenti.

60.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgha spiccat fis-8:20pm. Gie deciz li l-laqgha li jmiss ssir nhar it-Tnejn 8 ta' April 2019.

**Sarah Agius**

**Sindku**

**Paula M. Valletta**

**Segretarju Ezekuttiv**

,